MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2009

Numru 239/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Tony Cachia)**
**vs**

**CARMELO CUSCHIERI**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Carmelo Cuschieri ta' 73 sena, bin il-mejjet Klement u il-mejta Ganna xebba Mifsud, imwieled Haz-Zebbug Malta, nhar l-14 ta' Settembru 1935, joqghod 31 Triq Sant Antnin, Zebbug, Malta u detentur tal-karta ta' l-identita numru 642035M.

Billi gie akkuza talli nhar in-12 ta’ Dicembru 2008, ghall-habta tat-8:15am, fi Triq il-Knisja, Zebbug, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ Saver Cuschieri f’periklu car, ikkagunalu griehi ta’ natura gravi fil-gisem jew fis-sahha, skond ma ccertifika Dr S Pirotta med reg no: 3146 fid-dipartiment ta’ l-emergenza ta’ l-isptar Mater Dei (skond l-artikolu 214, u 216 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta’ Malta).

U aktar talli fl-istess data, hin u cirkostanzii, hebb kontra l-persuna ta’ Saver Cuschieri sabiex jingurja, jdejjaq jew jaghmel hsara lil din il-persuna. (Art 339(d) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta’ Malta.)

Il-Qorti giet mitluba sabiex f’kaz ta’ htija, tipprovdi skond l-Art. 383 et seq tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, ghas-sigurta ta’ Saver Cuschieri.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok TC3 u nnutat li l-imputat m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fl-ezami tieghu l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Tony Cachia iddikjara li l-imputat ikkopera mal-Pulizija.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 17, 214, 216, u 339(1)(d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat Carmelo Cuschieri, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Tony Cachia iddikjara li l-imputat ikkopera mal-Pulizija u l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tikkundanna lill-imputat Carmelo Cuschieri ghall-piena komplessiva ta’ sena (1) prigunerija u tmienja u hamsin Euro u tlieta u ghoxrin centezmi ta’ Euro (Euro 58.23) ammenda u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta’ prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matuil il-perjodu ta’ tlett (3) snin millum l-imputat Carmelo Cuschieri jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Inoltre l-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, torbot lill-imputat Carmelo Cuschieri b’obbligazzjoni personali ta’ hames mitt Euro (Euro 500) li jzomm il-kwiet ma’ Saver Cuschieri ghal zmien sena millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Carmelo Cuschieri l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------